MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 56/2000/1

**Patricia Ann Needham**

**v.**

**Dottor Carmelo Galea li b'digriet tal-11 ta' April 2000, gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefer Nicholas Needham**

**Il-Qorti:**

## I. PRELIMINARI

1. Fl-14 ta' Lulju 1979, Patricia Needham (attrici/appellanti) izzewget lill-konvenut Nicholas

Needham (konvenut/appellat) u minn dan iz-zwieg kellhom tifel Benjamin fit-22 ta’ Frar 1986, u ghalhekk illum dan it-tifel huwa maggorenni.

2. Il-konjugi Needham gew awtorizzati mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Voluntarja sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti fis-16 ta’ Novembru 1999.

3. Fl-24 ta’ Marzu tas-sena 2000, Patricia Needham ipprezentat citazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati Ghawdex Superjuri fejn sostniet li l-hajja konjugali taz-zewg partijiet giet reza impossibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment, barra minn hekk l-attrici tablet lill-Qorti li:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. tafda f’idejn l-attrici l-kura u l-kustodja ta’ l-uniku tifel tal-koppja Benjamin;

3. tiffissa r-retta alimentari li ghandha tithallas mill-konvenut lill-attrici u lil binhom;

4. tikkundanna lill-konvenut li jhallas din l-istess retta alimentari;

5. tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita` reciproci;

6. tiddikjara xjolta, tillkwida u tqassam il-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-partijiet, u dan wara li jigu identifikati l-beni parafernali ta’ l-attrici;

7. tapplika kontra il-konvenut interament jew inparti d-dispozizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 sa 51 tal-Kodici Civili.

4. Il-konvenut, irraprezentat minn Dr. Carmelo Galea ikkontesta l-allegazzjonijiet u t-talbiet ta’ l-attrici u eccepixxa:-

1. illi huwa jaqbel li l-hajja konjugali tkissret irrimedjabilment u b'hekk ma opponiex ghat-talba tas-separazzjoni;

2. illi ghall-kuntrarju ta' dak li qalet l-attrici l-ksur taz-zwieg gara b'tort ta' l-attrici minhabba xorb esagerat u sokor bla kontroll taghha;

3. illi t-talba ta' l-attrici li jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 sa 51 tal-Kodici Civili kienet bla bazi peress illi huwa qatt ma kien hati ta' adulterju, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontra l-attrici stess jew kontra t-tifel taghom;

4. huwa jhoss li t-talba ta' l-attrici ghall-kura u kustodja tat-tifel taghhom Benjamin hija bla bazi peress li huwa bhala missier dejjem kien mantnieh;

5. illi m'ghandux jaghti manteniment lil martu u ghandu jigi obbligat jmantni lill-ibnu biss;

6. illi huwa ma jopponix li l-Qorti ghandha tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita` reciproci, u li ghandha tinhall u tigi llikwidata u maqsuma l-komunjoni ta' l-akkwisti.

Il-konvenut, inoltre, pprezenta kontro-talba fejn talab lill-Qorti tiddikjara li l-htija tat-tkissir taz-zwieg tigi allokata fuq l-attrici biss, filwaqt li talab lill-Qorti tapplika *in toto* jew in parti fil-konfront ta' Patricia Needham id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili u senjatament billi tiddikjara li l-istess attrici iddekadiet mid-dritt illi titlob il-manteniment mighand il-konvenut. Talab ukoll li l-kura u l-kustodja tat-tifel taghhom Benjamin Needham tigi fdata f'idejn il-konvenut u dan fl-ahjar interess tat-tifel. Barra minnhekk il-konvenut talab lill-Qorti tordna li l-attrici tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tifel.

5. Fis-16 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri tat is-sentenza taghha, li d-dispozittiv taghha jghid hekk:-
Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza billi :

- ghar-rigward tac-citazzjoni :

1. tilqa' l-ewwel talba ta' l-attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi Needham minhabba li l-hajja bejniethom giet resa impossibbli stante illi z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabilment ;

2. tilqa' t-tieni talba rigward il-kura u kustodja ta' l-iben minuri Benjamin Needham, u tafda l-istes kura u kustodja f'idejn l-attrici, b'dana illi l-konvenut jibqa' jgawdi access liberu ghall-istess minuri skond kif jigi miftiehem bejn il-partjiet b'konsultazzjoni ma' l-imsemi minuri;

3. tilqa' t-tielet talba ta' l-attrici, fis-sens illi r-retta alimentarja pagabbli lilha mill-konvenut ghandha tkun fis-somma ta' mitejn lira maltija (Lm200) fix-xahar, filwaqt illi dik pagabbli lilha wkoll mill-konvenut ghall-minuri tkun ta' mija u tmenin lira maltija (Lm180) fix-xahar .

4. Tilqa' wkoll ir-raba talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas r-retta alimentari hawn iffissata lill-attrici ghaliha u ghal binha minuri ;

5. Tilqa' l-hames talba u tiddikjara li l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta' eredita' reciproci ;

6. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi Needham; tillikwida l-istess komunjoni u tiddikjara illi din tikkonsisti f'dawk il-beni mobbli u mmobbli ndikati fil-korp ta' din is-sentenza ; tiddikjara illi d-dar matrimonjali fl-indirizz "Mahdeen", Triq Malta, Ghajnsielem, Ghawdex, ghandha tigi stmata mill-A.I.C. Joseph Dimech li qed jigi nominat ghal dan il-fini, u mbaghad tingieb ghall-bejgh bis-subbasta, sabiex ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti; b'dana illi fic-cirkostanzi partikulari tal-kaz sabiex ikun assikurat il-hlas tal-manteniment dovut lill-attrici, sehem ir-ragel mir-rikavat sa massimu ta' hamsin elf lira maltija (lm50,000) ghandu jigi depozitat f'istituzzjoni finanzjarja f'Malta; tiddikjara illi l-karozza tat-tip Skoda

ghandha tigi stmata minn Raymond Bajada ta' "Bajada Auto Dealers" u jew tinbiegh sabiex ir-rikavat jinqasam bejn il-kontendenti, jew tinzamm mill-attrici akkont ta' sehemha; tiddikjara illi l-oggetti kollha fid-dar matrimonjali ndikati fil-lista esebita mill-attrici u li ghadhom jinsabu fl-istess dar jew gia tnehhew mill-konvenut, ghandhom jigu stmati minn Helen Cassar ta' Fortunato Mizzi Street, Victoria, jinqasmu f'zewg lottijiet li ghandhom jigu assenjati lill-kontendenti wara li tittella x-xorti bejniethom; tiddikjara wkoll illi l-investimenti finanzjarji u depoziti ohra f'isem il-konjugi Needham jew xi hadd minnhom ghandhom jigu zbankati u wara li jithallsu kwalunkwe debiti li jista' ghad ikun baqa', r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti ;

7. tichad is-seba' talba billi ma rrizultax illi l-htija ghal din is-separazzjoni tista' tigi mputata fuq xi hadd partikolari mill-kontendenti .

- dwar il-kontro-talba :

1. tichad l-ewwel talba ghar-raguni gia ndikata ;

2. ghall-istess raguni tichad ukoll it-tieni talba ;

3. tichad it-tielet talba billi l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata lill-attrici ; u

4. tichad ukoll ir-raba' talba billi ma jidhirx illi l-attrici tista' tkun f'pozizzjoni li tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri fil-ftit xhur ohra li baqa' sakemm dan jilhaq l-eta' tieghu .

L-ispejjez tal-kawza, fic-cirkostanzi tal-kaz, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti ."

6. Kopja shiha tas-sentenza ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, qed tigi annessa bhala appendici ma' l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha peress li din tikkontjeni

l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom hija bazata l-istess sentenza.

## II. L-APPELL

7. L-attrici Patricia Needham hassitha aggravata minn din is-sentenza u ghaldaqstant appellat minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ta' appellipprezentat fil-5 ta' Novembru tal-2003. L-attrici appellanti indikat seba' aggravji li ser jissemmew aktar tard f'din is-sentenza.

Ghalhekk, l-appellanti tablet li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma d-decizjoni fuq l-ewwel, it-tieni u l-hames talba, tibdel id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti fuq it-tielet, ir-raba', is-sitt u s-seba' talba u tordna li l-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-konvenut.

8. Min-naha tieghu, Nicholas Needham ikkontesta dan l-appell b'risposta, fejn huwa sostna li dan l-appell kien ghal kollox ingustifikat u bla ebda bazi fid-dritt u fil-fatt, u gie intavolat unikament biex jittawlu l-proceduri ta' din il-kawza. Ghalhekk l-appellat talab li l-appell ta' l-attrici jigi michud bl-ispejjez.

9. Il-konvenut intavola wkoll **appell incidentali** ghal dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti li tghid "fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, sabiex jkun assigurat il-hlas tal-manteniment dovut lill-attrici, sehem ir-ragel mir-rikavat sa massimu ta' hamsin elf Lira Maltin (Lm50, 000), ghandu jigi depozitat f'istituzzjoni finanzjarja f'Malta." Huwa hassu aggravat fuq dan il-punt u spjega l-aggravju tieghu in sostanza hekk:

1. Li din l-ordni tmur *ultra petita* u *extra petita* peress li ma hemm l-ebda talba ghal xi provediment f'dan is-sens fil-korp tac-citazzjoni notifikata lill-esponent. Huwa jghid illi l-Qorti hija marbuta bit-talbiet li jsiru lilha fit-termini tac-citazzjoni u ma tista tmur qatt oltre dak li hemm mitlub fic-citazzjoni, ghalhekk dan il-provediment ma seta' qatt effetivament jigi adottat mill-Qorti;

2. Jidher li l-Qorti giet influwenzata minn xi rikors illi gie intavolat mill-attrici proprju lejlet il-gurnata li fiha kellha

tinghata s-sentenza. L-esponent jghid dan ghaliex huwa baqa' sal-lum ma giex notifikat b'xi rikors f'dan is-sens. Ghaldaqstant il-konvenut appellanti jghid li dan mhux mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti taghti digrieti li fis-sustanza u li fil-pratika kienu ser jhallu effetti ferm gravi fuq il-hajja ta' Nicholas Needham. Huwa qal li jekk il-Qorti kellha quddiemha xi rikors da parti ta' l-attrici li kien jikkontjeni xi allegazzjonijiet fis-sens li hemm suspetti li Nicholas Needham ser jahrab minn Malta, u fejn intalab xi provvediment partikolari f'dan ir-rigward, il-Qorti tordna li tali rikors jigi notifikat minn qabel lill-esponenti, u li huwa jinghata opportunita` jikkonsulta ruhu mal-patrocinat tieghu sabiex jkun jista' jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu. L-esponent jghid illi s-sens ta' gustizzja, imparzjalita` u l-principji fondamentali ta' *audi alteram partem* kienu jirrikjedu illi qabel ma jinghata xi provvediment fuq tali rikors, jigi accertat illi r-rikors gie notifikat lill-esponenti u huwa jinghata l-opportunita` dicenti illi jkun jaf bit-talbiet tal-attrici u illi jipprezenta r-risposta tieghu relattiva;

3. Fit-tielet lok huwa jghid li ma jaqax fil-kompitu tal-Qorti illi f'sentenza dwar separazzjoni personali, tiehu hsieb il-modalita` li permess taghha ghandhom jigu ezegwiti d-drittijiet kweziti mill-partijiet in segwitu ghal dik is-sentenza.

4. Fir-raba' lok l-esponent jghid li jekk il-Qorti kellha xi biza' specjali illi Nicholas Needham sejjer jaqta' kull rabta ma' Malta u b'hekk jeludi d-drittijiet ta' martu ghall-hlas ta' l-alimenti akkordati lilha, din kienet biza' infondata. Huwa fil-fatt kien bi hsiebu jakkwista proprjeta` ohra gewwa Malta u qabel ma kien jaf li l-attrici intavolat dan l-appell, l-esponent kien intavola rikors fejn talab lill-Qorti tvarja jew tikkjarifika l-provediment sabiex id-depozitu jkun jista' jigi ritirat liberament basta l-fondi jintuzaw sabiex tigi akkwistata proprjeta` immobiljari f'Malta. Izda dan ma giex accettat mill-Qorti f'digriet tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru ta' l-elfejn u tlieta (2003) fejn it-talba tieghu giet michuda. Huwa jhoss li l-Qorti skartat u injorat is-sens ta' gustizzja u ekwita` u hadet biss hsieb dak illi trid l-attrici. Huwa jghid illi jekk Needham ikun xtara proprjeta` gewwa Malta, id-drittijiet jew aspettivi ta' l-attrici jkunu altru milli

gew salvagwardati: jekk Needham jonqos milli jhallas ir-retta alimentari dovuta lilha, hija tista' facilment tottjeni l-bejgh in licitazzjoni ta' dawk l-immobbli;

5. Fl-ahharnett, l-esponent jghid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tinvolvi ruhha fi kwistjonijiet ta' ezegwibilita` o meno tas-sentenza peress illi ma ghandu jkun hemm l-ebda dubbju dwar dan minhabba l-fatt illi Nicholas Needham huwa bniedem ta' nazzjonalita` Ingliza u tali ezekuzzjoni hija regolata peress illi hemm tlett ligijiet specifici illi jipprovdu ghal ezekuzzjoni fl-Ingilterra ta' sentenzi tal-Qrati taghna fir-Renju Unit: British Judgement Reciprocal Enforcement Act, KAP. 52; Maintenance Orders (Facilities for Enforcement) Ordinance, KAP. 48; u Maintenance Orders (Reciprocal Enforcement) Act, KAP. 242. Ghaldaqstant il-konvenut appellanti jghid li l-biza' ta' l-ewwel Qorti ma kenitx gustifikata, u certament ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala din iggieghel l-esponenti illi jzomm somma daqstant ingenti depozitata minghajr ebda possibilita` illi juzaha lanqas sabiex biha jakkwista proprjeta` immobiljari ohra gewwa Malta.

Ghalhekk il-konvenut talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata limitatament billi jitnehha l-obbligu impost fuq il-konvenut li jiddepozita sehemu mir-rikavat tal-licitazzjoni tad-dar "Mahdeen", Triq Malta, Ghajnsielem, sa massimu ta' hamsin elf lira maltija (Lm 50,000) f'istituzzjoni finanzjarja f'Malta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici.

## <u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

Il-Qorti sejra titratta u tiddeciedi l-aggravji ta' l-attrici appellanti fl-ordni li hija elenkatom fir-rikors ta' appell taghha, hlief ghall-aggravju taghha dwar il-manteniment stabbilit mill-ewwel Qorti, li din il-Qorti sejra titrattah kontestwalment ma' l-appell incidentali intavolat mill-appellat.

### <u>Ir-responsabilita` ghall-firda</u>

10. Bl-ewwel aggravju taghha l-appellanti lmentat li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta stabbiliet li t-tort tat-tkissir taz-zwieg kien imputabbli liz-zewg kontendenti stante li kien il-konvenut li beda relazzjoni ma' mara ohra illi wassal biex tkisser dan iz-zwieg.

11. L-appellat jaghti t-tort tat-tkissir taz-zwieg lill-attrici minhabba l-problemi tax-xorb taghha u minhabba illi bidlet l-atteggjament taghha fil-konfront ta' zewgha sa minn qabel ma l-konvenut kellu relazzjoni ma' mara ohra, u li sad-data tal-prezentata tal-kawza odjerna huwa ma kellu l-ebda relazzjoni ma' ebda mara ohra.

12. L-attrici appellanti bbazat it-talba ghas-separazzjoni personali fuq l-allegazzjoni li z-zwieg bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment. Hija ma allegatx li dan gara b'tort tal-konvenut. Min-naha l-ohra l-konvenut filwaqt li qabel li hemm lok ghall-firda, pero'ipprova jaddossa t-tort tal-firda fuq martu. Din il-Qorti ezaminat il-provi fuq din il-kwistjoni u waslet ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti kienet korretta fid-decizjoni taghha meta stabbiliet illi it-tort tat-tkissir taz-zwieg kien imputabbli liz-zewg kontendenti. Din il-Qorti thoss li ma tressqux provi konkreti dwar l-allegazzjonijiet ta' l-attrici li z-zwieg tkisser minhabba li l-konvenut kellu mara ohra u lanqas jirrizulta li z-zwieg tkisser ghax Patricia Needham kellha problema ta' xorb. Din il-Qorti thoss li dan iz-zwieg tkisser minhabba diversi fatturi, li ma hemmx htiega li jigu elenkati hawn, b'mod li z-zewg partijiet jidher li kkontribwew ghat-tkissir taz-zwieg taghhom. Ghaldaqstant, l-ewwel aggravju mnizzel ta' mill-attrici appellanti qed jigi michud.

**<u>L-oggetti mobbli fil-pussess tal-konvenut</u>**

13. L-appellanti sostniet li dawn l-oggetti ma gewx inkluzi fil-lista biex jinqasmu f'zewg lottijiet bejn il-kontendenti.

14. L-appellat sostna li hu ha biss xi affarijiet ta' uzu personali mid-dar matrimonjali, u li l-oggetti ta' valur baqghu kollha f'dik id-dar fejn baqghu ukoll l-oggetti ta' uzu personali ta' martu. Dina zammet ghaliha d-deheb, gawhar u oggetti simili.

15. Din il-Qorti rat il-lista ta' l-oggetti in kwistjoni (li tinsab a fol. 126 tal-process) u ma tarax raguni ghaliex tqajjem dan l-aggravju billi l-provediment li tat l-ewwel Qorti dwar l-oggetti li jinstabu fid-dar matrimonjali diga` kien estiz minn dik il-Qorti ghall-oggetti illi gia tnehhew mill-konvenut jigifieri dawk li jinsabu elenkati fil-lista a fol. 126 tal-process. Ghalhekk dan l-aggravju mhux gustifikat.

***<u>End of Service Benefit</u>***

16. L-appellanti lmentat li hija gabet prova dwar somma mdaqqsa li hemm akkumulata sal-lum bhala *end of service benefit* tal-konvenut. L-attrici appellanti tghid illi l-Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet illi hija ma ghandha dritt ghalxejn minn dan l-ammont, u tghid li ghandha tigi allokata nofs l-ammont akkumulat sad-data meta tigi pronunzjata s-separazzjoni, liema ammont il-konvenut ghandu jigi ordnat li jhallas lill-appellanti meta huwa jircievi dan il-beneficcju;

17. Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat qal kif gej "Fir-rikors ta' appell ma ngabu ebda ragunijiet in sostenn tat-tezi ta' l-attrici illi l-konkluzjonijiet raggunti, sia mill-perit legali kif ukoll mill-ewwel Onorabbli Qorti, huma skoretti. Ma huwiex sufficjenti illi l-appellanti jsostni [recte: sostni] illi d-decizjoni ta' Qorti tigi varjata minghajr lanqas biss jiddeduci [recte: tiddeduci] raguni wahda l-ghala dan ghandu jsir."

18. Din il-Qorti jidrilha li l-ewwel Qorti mmotivat sewwa l-konkluzjoni taghha dwar dan il-beneficcju li jispetta lill-appellat f'xi data futura, ghalhekk dana l-aggravju ma hemmx lok li jintlaqa'.

**<u>Il-Vettura Triumph</u>**

19. L-attrici appellanti hassitha aggravata ukoll dwar il-karrozza Triumph li l-ewwel Qorti pprezumiet li din tifforma parti mill-assi parafernali ta' l-appellat. L-attrici ssostni li din il-prezunzjoni hija zbaljata peress illi tghid li din il-karrozza hija parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u

ghaldaqstant ghandha tigi stmata bl-istess mod li ser jsir bil-karrozza l-ohra tal-marka Skoda.

20. Fir-risposta tieghu l-konvenut appellat jghid li l-attrici ma tghidx il-ghala l-vettura Triumph ghandha tigi kunsidrata bhala formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti meta in effetti jirrizulta illi din it-Triumph inxtrat mill-esponenti sa minn qabel iz-zwieg u hija parafernali tieghu.

21. Dwar il-vettura Triumph *convertible* din il-Qorti rat il-provi migjuba fuqha u ma rrizultalhiex sodisfacentement li din il-karrozza kienet fil-fatt taghmel parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti. Ghaldaqstant, jidher li d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti kienet gusta u b’hekk it-Triumph qed titqies bhala proprjeta` parafernali ta’ Nicholas Needham u ghalhekk l-aggravju ta’ l-attrici appellanti mhux gustifikat.

**<u>Ammont migbud mill-Globe Investments</u>**

22. Is-sitt aggravju huwa dwar l-ammont li ngibed mill-konvenut mill-investiment fil-Globe Investments, liema ammont kellu jintuza biex jithallas self man-National Bank of Abu Dhabi. L-appellanti ssostni li l-konvenut ghandu jigi ordnat jirritorna lura dan l-ammont li ngibed mill-investiment mal-Globe u ma ntuzax biex jithallas is-self, kif ordnat li jsir mill-ewwel Qorti;

23. Dwar l-ilmenti ta’ l-attrici li l-flus li ngibdu mill-konvenut mill-fondi tal-Globe Financial ntuzaw mhux biex jithallas is-self man-National Bank of Abu Dhabi izda ghall-affarijiet ohra, il-konvenut sostna li l-ewwel Qorti kienet gia` tatu ragun ghall-agir tieghu f’dan ir-rigward, u huwa jsostni li kien ghamel hekk biex ihallas djun ohrajn fil-komunjoni ta’ l-akkwisti – minkejja illi dawn id-djun kienu inkorsi principalment mill-attrici stess, u b’hekk ra li kien jaghmel aktar sens ekonomiku illi juza’ l-flus li kellu disponibbli sabiex jehles dejn li kien qed jigbed l-oghla rati ta’ interessi u illi dwaru kien qed jiffaccja possibilita` konkreta ta’ kawzi bil-Qorti, minflok dejn li kellu rata ta’ interess aktar baxxa u ma kienx hemm urgenza ta’ hlas fuqu.

24. Fil-fehma tal-Qorti dak li kkonstatat l-ewwel Qorti dwar din il-kwistjoni huwa korrett, kif korrett ukoll hu l-provvediment moghti mill-ewwel Qorti meta hija tiddikjara “Ghalhekk ma hemm l-ebda alternattiva ohra hlief illi l-bilanc f’dan l-investiment mal-Globe jigi likwidat sabiex, wara li jithallsu d-debiti kollha li ghad jista’ jkun baqa’, ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.”

**Arretrati tal-manteniment**

25. L-ahhar aggravju jirrigwarda l-arretrati dovuti ghall-manteniment u li l-appellanti lmentat li l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghalihom. L-appellanti qeghda titlob lil din il-Qorti tordna lill-konvenut ihallas dan l-ammont dovut.

26. Dwar l-arretrati tal-manteniment, Nicholas Needham isostni li dan l-aggravju msemmi mill-attrici m’ghandux jigi milqugh peress illi hu dejjem hallas ir-retta alimentari stabbilita mill-Qorti tal-Gurisdizzjoni Voluntarja sew lill-martu u sew lill-ibnu regolarment, u jekk gieli kien hemm xi divergenzi dawn sehhew minhabba tibdil fir-rati tal-kambju. Ghalhekk l-appellat talab li l-appell ta’ l-attrici jigi michud, bl-ispejjez.

27. Din il-Qorti ezaminat il-provi akwiziti fil-process u sabet li ma gewxipprezentati provi sodisfacenti li juru li fil-fatt il-konvenut ghandu jaghti xi ammonti ta’ flus bhala arretrati lill-martu. Hu d-dover tal-Qorti li tibbaza d-decizjoni taghha fuq il-provi pprezentati u min jaghmel xi allegazzjonijiet hu obbligat li jissustanzja dawn bi provi sodisfacenti. Ghaldaqstant l-aggravju ma jistax jintlaqa’.

**L-aggravju ta’ l-appellanti dwar il-manteniment, kif ukoll l-appell incidentali tal-konvenut appellat**

28. L-ewwel Qorti stabbiliet retta alimentarja mensili pagabbli mill-konvenut, fis-somma ta’ Lm200 fix-xahar ghall-attrici personalment, kif ukoll Lm180 ghall-minuri. Inoltre ordnat lill-konvenut li jassikura l-hlas tal-manteniment billi sehemu mir-rikavat tal-bejgh in subbasta

tad-dar matrimonjali sa massimu ta’ Lm50,000 ghandu jigi depozitat f’istituzzjoni finanzjarja f’Malta.

29. Irrizulta li iben il-kontestanti Benjamin sar maggorenni fil-mori ta’ dan l-appell u ghalhekk il-provediment moghti fis-sentenza appellata dwar il-manteniment ta’ dan l-iben, illum ma jistax jibqa’ in vigore.

30. L-appellanti qeghda ssostni fl-appell taghha li r-retta alimentarja stabbilita fis-sentenza appellata mhux wahda adegwata biex hija tkun tista’ tghix b’mod dicenti u ghalhekk qeghda titlob li din il-Qorti tawmenta l-istess retta.

31. Min-naha l-ohra, il-konvenut appellat qieghed isostni li l-manteniment stabbilit huwa sufficenti u li ma jezistu ebda ragunijiet ghaliex din il-Qorti ghandha tvarja l-ammont iffissat mill-ewwel Qorti. L-appellat inoltre ressaq appell incidentali li bazikament bih qieghed jitlob li din il-Qorti tirrevoka l-provediment li tat l-Ewwel Qorti li sehem l-appellat mir-rikavat tal-bejgh tad-dar matrimonjali ikun depozitat f’istituzjoni finanzjarja f’Malta. Huwa ta diversi ragunijiet ghaliex, fil-fehma tieghu, dan il-provediment ma kienx hemm lok li jinghata mill-Ewwel Qorti, liema ragunijiet jinsabu elenkati fil-paragrafu 9 *supra*.

32. Din il-Qorti tinklina li taqbel kemm mal-lament ta’ l-appellanti, kif ukoll mal-gravam tal-konvenut appellat kontenut fl-appell incidentali tieghu. Wara li din il-Qorti hasbet hafna biex issib soluzzjoni kemm jista’ jkun gusta ghaz-zewg partijiet, dehrilha li ghandha tapplika ghall-kaz odjern id-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 54(3) tal-Kodici Civili. Meqjusa l-mezzi tal-konvenut appellat, il-bzonnijiet ta’ l-appellanti, kif ukoll ic-cirkostanzi l-ohra kollha rilevanti, din il-Qorti jidhrilha li hu xieraq li tordna lill-appellat li, minflok ma jhallas manteniment ratejali lill-appellanti, ihallasha somma globali, biex hija tkun finanzjarjament indipendenti minnu u b’hekk ukoll huwa jkun mehlus milli jibqa’ jhallas manteniment li jkun mifrux fuq medda ta’ snin. B’hekk ukoll ma jkunx hemm aktar lok li jibqa’ jsehh il-provediment li tat l-ewwel Qorti dwar id-depozitu impost fuq l-appellat biex jassikura l-hlas tal-

manteniment stabbilit fis-sentenza appellata, liema provvediment sejjer jigi revokat.

33. Fil-fehma tal-Qorti din is-somma globali ghandha tkun likwidata, *arbitrio boni viri*, fis-somma ta' Lm35,000 (hamsa u tletin elf Lira Maltin).

34. Din is-somma ghandha tithallas lill-appellanti mill-appellat minn sehemu mir-rikavat tal-bejgh b'subbasta tad-dar matrimonjali, b'dan pero` li sakemm isir dan il-bejgh u l-hlas ta' l-imsemmija somma globali, l-appellat ikun obbligat li jhallas manteniment lill-appellanti fis-somma ta' Lm275 (mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin) fix-xahar b'effett mid-data tal-illum.

35. Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell principali u dak incidentali b'dan il-mod:
1. Tikkonferma l-provediment li tat l-Ewwel Qorti dwar l-ewwel talba ta' l-attrici.

2. Tastjeni li tipprovvedi dwar it-tieni talba ta' l-attrici stante li iben il-kontendenti, Benjamin, sar maggorenni fil-mori ta' dan l-appell.

3. Tastjeni ukoll milli tipprovdi dwar it-tielet u r-raba' talba, inkwantu **biss** dawn jikkoncernaw l-istess Benjamin, billi dan m'ghadux minorenni.

4. Tirrevoka l-provediment moghti mill-ewwel Qorti dwar it-tielet u r-raba' talba attrici in kwantu jikkoncernaw lill-attrici personalment u minflok, b'applikazzjoni tas-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili, tordna lill-konvenut ihallas ghal darba wahda biss tas-somma globali ta' Lm35,000 (hamsa u tletin elf Lira Maltin) lill-attrici minflok manteniment ratejali. Dan il-hlas ghandu jsir bil-mod kif stabbilit aktar tard f'din is-sentenza, izda b'dana li sakemm isir il-hlas ta' l-imsemmija somma globali, il-konvenut huwa ikkundannat li jhallas lill-attrici retta alimentari ta' Lm275 (mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin) fix-xahar b'effett mil-lum sa dakinhar li jsir l-imsemmi hlas tas-somma globali.

5. Tikkonferma l-provediment moghti mill-ewwel Qorti dwar il-hames talba ta' l-attrici.

6. Tirriforma l-provedimenti moghtija mill-ewwel Qorti dwar is-sitt talba ta' l-attrici billi tikkonferma l-istess provedimenti kollha minbarra l-ordni li inghatat li sehem ir-ragel mir-rikavat tal-bejgh in subbasta mid-dar matrimonjali sa massimu ta' Lm50,000 ghandu jigi depozitat f'istituzzjoni finanzjarja f'Malta. Minflok, qieghed jigi ordnat li mis-sehem tal-konvenut mir-rikavat tal-bejgh bis-subbasta tad-dar matrimonjali, ghandha tithallas l-imsemmija somma globali ta' Lm35,000 (hamsa u tletin elf Lira Maltin) lill-attrici *ai termini* ta' l-Artikolu 54(3) tal-Kodici Civili.

7. Tikkonferma il-provediment li tat l-ewwel Qorti dwar is-seba' talba ta' l-attrici.

8. Tikkonferma l-provediment li tat l-ewwel Qorti dwar l-ewwel zewg talbiet kontenuti fil-kontro-talba tal-konvenut appellat.

9. Tastjeni milli tipprovdi dwar l-ahhar zewg talbiet kontenuti fl-istess kontro-talba billi iben il-kontendenti sar maggorenni fil-mori ta' l-appell.

10. Fl-ahharnett tordna li l-ispejjez, kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ukoll ta' din it-tieni istanza ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur
Mgc

## APPENDICI

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-16 ta' Ottubru 2003 qed tigi hawn

annessa ma din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------